MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru 922/2006

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 15 TA' OTTUBRU 2007

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri
Spettur Therese Sciberras)

vs

Nicholas Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Nicholas Camilleri detentur ta' karta ta' identita' numru 39779M, akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe':

Fis-7 ta' April 2006 ghall-habta tal-10:30 ta' filghaxija u fil-granet ta' qabel din id-data, rrenda ruhu komplici f'reat ta' serq ta' diversi oggetti mill-penthouses tal-blokk '550 West' u 550 South' sitwati fi Triq San Pawl, San Pawl-il Bahar ghad-dannu ta' Joseph Manduca, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin, bil-hin u bil-persuna u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwxu, inkella sahhahlu l-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghedu li wara l-fatt jassistih jew jieqaf mieghu.

Fis-16 ta' Marzu, 2006 ghall-habta ta' l-10:30 ta' filghodu, rrenda ruhu komplici f'reat ta' serq ta' zewg digital cameras tal-marka 'Pentax' mill-hanut bl-isem 'Phototech' sitwat fi Triq H. Calleja Schembri Msida ghad-dannu ta' Marcellus Stafrace, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwxu, inkella sahhahlu l-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghedhu li wara l-fatt jassistih jew jieqaf mieghu.

Fl-24 ta' Frar, 2006 mill-hanut bl-isem 'Landau Stationery' sitwat fi Triq Mannarino B'Kara rrenda ruhu komplici f'reat ta' serq ta' zewg top-up vouchers li jiswew Lm10 ghad-dannu ta' Anthony Fenech u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwxu, inkella sahhah l-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghedu li wara l-fatt jassistih jew jieqaf mieghu.

Fit-8 ta' Ottubru, 2002 ghall-habta tat-8:00 ta' filghaxija, flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond 18, Triq il-Kurat Calleja Mosta ghad-dannu ta' Ute Rupprecht Hung, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin, bil-hin u bil-persuna.

Fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Novembru, 2002, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-kumpless ‘Piscopo Gardens’ sitwat fi Triq Burmarrad, San pawl il-Bahar ghad-dannu ta’ Emanuel Piscopo, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess fond, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar Liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix-il hamsin Lira Maltin (Lm50).

Fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ Novembru, 2002 flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-istabbiliment ‘Ta’ Cassia’ sitwat fi Triq l-Iskuna San Pawl il-Bahar ghad-dannu ta’ Charlie Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess fond, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta' serq u komplicita f'serq. Hemm ukoll l-akkuza ta' ricettazzjoni li f'dan il-kaz ma tapplikax.

Illi l-imputat irregistra ammmissjoni volantarja u inkondizjonata fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Illi fir-rigward il-piena tenut kont tal-fedina penali tieghu qeghdha tiddecidi wara li rat l-Artikolu 261 (b) (c) (f), 264, 267, 270, 278, 279, 18, 17, 31, 325, 42, 43, 47 tal-Kap 9 tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal erba snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu opperattiv.

Il-Qorti spjegat ir-risponsabilitajiet tal-imputat li johrgu minn din is-sentenza.

A. M. Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------